MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 888/2013

**All Invest Company Limited bin-numru ta` registrazzjoni C22239 kif debitament rapprezentata mid-direttur uniku Wallace Falzon detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 308986M**

***kontra***

**X**

**U b`digriet tal-31 ta` Ottubru 2013 l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta intervjenew in statu et terminis**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Anthony Spiteri u ohrajn tal-31 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet li fissru fir-rikors

taghhom, talbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom jintervjenu *in statu et terminis* fil-procediment fuq riferit.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` Novembru 2013.

Rat ir-risposta ta` All Invest Company Limited tal-15 ta` Novembru 2013.

Qieset id-deposizzjoni tal-Av. Dr. Andre` Camilleri fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2013.

Rat l-atti tal-procediment sal-lum, fosthom id-digriet taghha tal-21 ta` Novembru 2013.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qorti mhijiex sejra tidhol fi kwistjonijiet ta` mertu. Dak taghmlu meta l-procediment ikun matur ghal decizjoni.

Illi trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju huwa li tistabilixxi jekk fir-ragunijiet ghat-talba kif dedotta fir-rikors tal-31 ta` Ottubru 2013 hemmx ir-rekwiziti ghall-intervent *in statu et terminis* tar-rikorrenti fil-procediment odjern.

Illi l-istitut tal-intervent f`kawza *in statu et terminis* huwa regolat fil-ligi taghna bl-Art 960 tal-Kap 12 li jiddsponi hekk :-

*"Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel*

*grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza*
*ma jwaqqafx il-proceduri taghha".*

Illi mill-kontenut ta` din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` wiesa` biex parti interessata f`kawza partikolari tinghata l-possibilita` li tigi ammessa anke meta l-istess kawza tkun bejn partijiet ohra u meta l-procedura tkun sahansitra tinsab quddiem Qorti ta` Appell.

Illi l-Qorti tirrileva li dment li l-procediment ikun kawza, il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn tipi ta` kawzi sabiex issir talba ghal intervent *in statu et terminis.* Dak li certament il-ligi tesigi huwa li l-parti li taghmel it-talba jkollha **interess** li tintervjeni.

Illi **Mortara** fil-"*Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile*" – 1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

*" … puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"*

Illi **Enrico Tullio Liebman** fil-pag 151 tal-"*Manuale di Dir. Proc. Civile*" – 1957 ighid hekk :-

*"La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta*

*tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo".*

Illi l-Qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni **miftuha** ghal dan l-istitut.

Illi fis-sentenza li ta l-Onor Imhallef Luigi Ganado meta kien qieghed jippresjedi din il-Qorti fil-kawza "**Stepton vs Spiteri**" li kienet deciza fit-23 ta` Novembru 1898, inghad hekk –

*"E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e' terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte …*

*"L` istituto dell'intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".*

Illi fuq l-iskorta tal-premess, din il-Qorti tghid illi l-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-Art 960 tal-Kap 12 irid ikun interess guridiku, u cioe` interess **sostanzjali** u **dirett** fil-kawza, mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza, bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet – pozittivi jew negattivi – f`kawza jew kawzi ohra futuri.

Illi ghalhekk ghandha tirnexxi talba minn persuna li tkun trid tintervjeni f`kawza jekk l-iskop wara l-intervent taghha jkun sabiex tipprotegi l-interessi taghha f`dik il-kawza **partikolari** mhux f`kawza jew f`kawzi ohra li talvolta jistghu jigu ntavolati.

Illi fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti jikkontendu illi x-xoljiment u l-istralc ta` All Invest Company Limited igharraq irreparabilment l-interessi taghhom fir-relazzjoni li ghandhom maghha. Isostnu li r-relazzjoni ma tistax tkun imqeghda fl-istess livell ta` kwalsiasi kreditur ta` l-istess kumpannija. Il-kumpannija All Invest Company Limited tikkontesta l-linja tar-rikorrenti. Ghandhomx ragun inkella le hija kwistjoni li - jekk ikun il-kaz - tigi stabbilita meta l-Qorti tiddeciedi l-mertu. Rilevanti ghall-fini tat-talba taghhom tal-lum huwa jekk huwiex sodisfatt ir-rekwizit tal-*interess* fil-procediment tal-lum.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li jirrizulta dak ir-rekwizit. Tghid hekk ghaliex l-interess tar-rikorrenti huwa **sostanzjali u dirett**. Mhuwiex dak tal-lum il-kaz fejn fil-kawza tal-lum se jigi determinat xi punt ta` dritt li jista` jkollu applikazzjoni piu` o meno generali u xi terz li mhuwiex involut fil-fattispeci tal-kawza izda li jista` jigi effettwat fil-kaz tieghu bid-decizjoni jitlob li jintervjeni *in statu et terminis.* F`dak il-kaz kien ikun hemm karenza ta` interess u l-Qorti ma tawtorizzax l-intervent fil-kawza. Dak tal-lum huwa kaz ghal kollox divers ghaliex fuq l-iskorta ta` dak li l-Qorti diga` semghet, l-esitu tal-kawza tal-lum – ikun x`ikun – ikollu effett dirett fuq ir-rikorrenti.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-31 ta` Ottubru 2013 u tawtorizza l-intervent taghhom fil-kawza *in statu et terminis.***

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------